# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 648/2013MH**

**Illum, 9 t' Ottubru, 2017**

**Tristan Camilleri (KI 254280M) u**
**martu Sarah Bugeja (KI 189180M)**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta**
**u Central Asphalt Limited (C-23652)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi Tristan Camilleri u martu Sarah Bugeja tat-2 ta' Lulju 2013** u li permezz tieghu ippremettew:

*"1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond bl-isem ta' 'The Lair' fi Triq Patri Avertan Fenech l-Mosta, liema post jikkonsisti fost ohrajn f' terraced house b' basement sotoposta, liema basement/garage ghandha bieb ghaliha li jaghti ghal barra fit-triq pubblika;*

*2. Illi l-intimati xi gimgha qabel il-maltempata kbira li kienet ghamlet nhar it-3 ta' Settembru 2012, kienu qed jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni fi Triq Patri*

*Avertan Fenech l-Mosta liema xoghol kien jikkonsisti fid-demolizzjoni ta' gnien u anke xoghlijiet f' xi 'culverts' u spralli tal-ilma;*

*3. Illi Kawza tax-xoghlijiet imsemmija kondotti mill-intimati u peress li waqt li ghamlu dawn ix-xoghlijiet l-istess intimati ma hadux il-prekawzjonijiet necessarji, fil-maltempata msemmija il-basement/garage tar-rikorrenti ghereq kompletament sal-livell ta' kwazi tmien [8] filati. Illi lir-rikorrenti, kemm ilhom jghixu f' dan il-fond qatt ma kien gralhom xi haga hekk anke f' jiem simili ghal dawk indikati, meta kienet ghamlet hafna xita;*

*4. Illi Kawza tad-dhul tal-ilmijiet fil-proprjeta', l-esponenti garrbu hsarat kbar fl-effettimobbli li huma kienu jzommu f' dan il-basement, u dana kif se jirrizulta waqt dina l-kawza u saret hsara wkoll ta' natura strutturali/kosmetika lill-nija innifisha. Illi dawn il-hsarat jammontaw ghal danni konsiderevoli kif ser jirrizulta;*

*5. Illi minkejja li interpellati sabiex jersqu ghall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew minn min minnhom ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara illi l-intimati kienu responsabbli ghal hsarat u konsegwenzjali danni sofferti mir-rikorrenti fl-effetti mobbli u anke l-istess basement/garage nhar it-3 ta' Settembru 2012 meta l-basement/garage tar-rikorrenti ghereq bl-ilma Kawza tax-xoghlijiet li l-istess intimati kienu qed jaghmlu fil-vicinanzi tar-residenza tar-rikorrenti fi Triq Patri Avertan Fenech, Mosta;*
2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti jekk mehtieg bl-opera ta' periti nominandi;*
3. *Tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat u b' hekk l-intimati jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata Central Asphalt Limited tat-13 t' Awwissu 2013**[1] u li permezz taghha resqet is-segwenti eccezzjonijiet:

*"1. Illi, <u>preliminarjament,</u> it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox intempestivi u dan stante li l-esponenti qatt ma giet interpellata sabiex tersaq ghal likwidazzjoni u ghal hlas tad-danni allegatament subiti mill-istess rikorrenti, ghajr ghal proceduri odjerni;*

*2. Illi, <u>minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu,</u> l-esponenti tirrileva illi l-hsarat allegatament subiti mir-rikorrenti graw b' accident jew b' forza magguri a tenur tal-Artikolu 1029 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*3. Illi, in aggunta ma' dak appena premess, is-socjeta' esponenti tirrileva illi hija esegwiet ix-xoghlijiet skond l-arti u s-sengha u bl-ebda mod ma kienet negligent jew naqset minn xi obbligi. Kwindi, hi qatt ma tista' tinstab responsabbli ghal xi dannu versu r-rikorrenti;*

*4. Illi inoltre, is-socjeta' esponenti tirrileva illi hija kienet merament il-kuntrattur li giet inkarigata twettaq xoghlijiet fi Triq Patri Avertan Fenech, il-Mosta, mill-intimata Transport Malta, taht id-direzzjoni tal-Perit Lorraine Cassar;*

[1] Fol 8

*5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom jressqu l-ahjar prova tad-danni skond il-Ligi;*

*6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **ir-risposta guramentata tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tat-23 t' Awwissu 2013**[2] li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi preliminarjament, u skont l-Artikoli tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' intimata għandu jaqra "l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta" u għalhekk l-Awtorita' intimata qiegħda tippreżenta din ir-risposta bħala "l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta";*

2. *Illi wkoll preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti jippruvaw it-titolu tagħhom fir-rigward tal-proprjeta' allegatament danneġjata;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' intimata mhijiex responsabbli għad-danni allegati mir-rikorrenti;*

4. *Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe´ danni allegati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati;*

5. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mill-liġi.*

---

[2] Fol 13 et seq

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

**1.1** *Illi qabel xejn qed jiġi eċċepit illi ma teżisti ebda entità pubblika bl-isem "Transport Malta", kif indikat fir-rikors promotur, iżda skont l-Artikoli tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' intimata għandu jaqra "l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta". Għalhekk jeħtieġ li ssir il-korrezzjoni opportuna;*

**2.1** *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti jippruvaw it-titolu tagħhom fir-rigward tal-proprjeta' allegatament danneġġjata, kemm dik mobbli kif ukoll dik immobbli;*

**3.1** *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' intimata m'hijiex responsabbli għad-danni allegati mir-rikorrenti;*

**3.2** *Illi l-istess Awtorita' m'għamlet ebda xogħol fi Triq Patri Avertan Fenech, il-Mosta, u/jew, f'xi lok ieħor li seta' b'xi mod dirett u/jew indirett, ħoloq xi nkonvenjent u/jew danni lir-rikorrenti;*

**3.3** *Illi fil-fatt, l-Awtorita' intimata iddiriġiet biss sejħa għall-offerti li wassal sabiex l-intimata l-oħra, Central Asphalt Limited, wara li pparteċipat b'suċċess fis-sejħa għall-offerti, l-ewwel iffirmat "framework agreement" imbgħad għaddiet sabiex tiffirma "contract of works" speċifiku għal Triq Patri Avertan Fenech, Mosta;*

**3.4** *Illi ai termini tal-istess "framework agreement" u "contract of works" [kopji annessi bħala **"DOK A"** u **"DOK B"**], is-soċjeta' Central Asphalt*

*Limited, qua kuntrattur, hija responsabbli unikament għax-xogħol minnha mwettaq. Dan huwa rifless ukoll fid-dokumenti relatati mas-sejħa għall-offerti fosthom, il-kundizzjonijiet ġenerali u dawk speċjali kif applikabbli fil-konfront tal-kuntrattur [kopja tal-kundizzjonijiet speċjali annessi ma "DOK A". L-Awtorita' tirriserva d-dritt li tippreżenta kopja ta' dokumenti addizzjonali relatati mas-sejħa għall-offerti liema dokumenti m'humiex qiegħdin jiġu preżentati ma' din ir-risposta sabiex ma jiġix ingumbrat il-proċess mingħajr bżonn];*

**3.5** *Illi fil-fatt, l-istess kuntratti u kundizzjonijiet imsemmija jobbligaw lill-kuntrattur sabiex jindennizza lill-Awtorita' intimata u/jew l-impjegati u rappreżentanti kollha tagħha kontra kwalunkwe allegazzjoni u/jew eventwalita' ta' danni. L-istess kuntratti jorbtu wkoll lill-kuntrattur sabiex jieħu polza ta' assigurazzjoni li tkopri kwalunkwe dannu kaġunat lill terzi [vide kundizzjonijiet speċjali applikabbli u annessi mal-kuntratt "DOK A"];*

**4.1** *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'referenza għat-talba għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni allegati, filwaqt illi l-Awtorita' intimata ttenni illi ebda danni ma huma u ma jistaw ikunu dovuti minnha lir-rikorrenti, jiġi rilevat illi fi kwalunkwe' każ, jeħtieġ li issir prova illi r-rikorrenti tassew soffrew danni bħala konsegwenza ta' xi aġir illegali u jeħtieġ ukoll li ssir prova tal-quantum tat-tali danni;*

**5.1** *Illi* ***ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12,*** *Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti dikjarati mir-rikorrenti qiegħdin jiġu kontestati, jeħtieġ illi jiġu ippruvati, u jimmeritaw li jiġu miċħuda.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta guramentata.

Rat l-affidavits u t-traskrizzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum l-atturi jallegaw li wara maltempata li sehhet nhar it-3 ta' Settembru 2012 huma sofrew danni kemm f'diversi mobbli li huma kellhom fil-*basement* tar-residenza taghhom gewwa l-Mosta kif ukoll ghax il-*basement* innifsu ghereq bl-ilma. Fil-fehma tal-atturi l-kawza ta' dan kienu n-nuqqas ta' prekawzjonijiet necessarji mehuda fil-kors tax-xoghlijiet li l-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu fil-vicinanzi tar-residenza tal-atturi. L-atturi ghalhekk talbu l-likwidazzjoni u hlas tad-danni minghand il-konvenuti jew min minnhom.

Minn naha taghhom il-konvenuti jichdu li bix-xoghlijiet li saru fit-triq in kwistjoni huma kkawzaw xi danni lill-atturi.

Fil-qosor mill-atti jirrizulta li:

i. L-atturi huma sidien tal-fond bl-isem ta' *'The Lair'* fi Triq Patri Avertan Fenech Il-Mosta, liema fond huwa mibni fuq art li kienet inghatat lill-attur

b'titolu ta' donazzjoni mill-ġenituri tiegħu fit-23 ta' Ġunju 2003[3]. Dan il-fond jikkonsisti f'*terraced house* u garaxx kif ukoll *basement*[4];

ii. Il-*basement*, li bħala livell jiġi kollu taħt l-art[5], l-attur kien juzah għar-rikreazzjoni tiegħu u fih kien izomm fost oħrajn diversi *aquariums*, kollezzjoni estensiva ta' *magazines* dwar il-ħut, għodda ta' mastrudaxxa u anke *gym* zgħir[6];

iii. Fil-frattemp is-socjeta' konvenuta kienet rebħet *tender* maħrug mill-Awtorita' konvenuta għat-twettiq ta' xogħlijiet li jinkludu Triq Patri Avertan Fenech Il-Mosta, sabiex din it-triq tiġi nkorporata fil-progett nazzjonali ta' *Storm Water Relief*[7]*;*

iv. Ix-xogħlijiet fit-triq in kwistjoni bdew f'Awissu 2012[8];

v. Fit-3 ta' Settembru 2012, waqt li dawn ix-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin seħħet maltempata kbira f'Malta u niżlet kwantita' ta' xita[9];

vi. Fil-*basement* tal-attur daħal ħafna ilma li laħaq sa kważi 9 filati. Saret ukoll ħsara kbira lid-diversi mobbli li kellu stivati f'dan il-*basement*;

vii. L-atturi qegħdin jattribwixxu l-kawża ta' dan l-ingress ta' ilma għax-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu mis-socjeta' konvenuta fuq struzzjoniijiet tal-Awtorita' konvenuta.

---

[3] Kuntratt a fol 56 et seq
[4] Xhieda tal-attur a fol 68; u permess tal-MEPA a fol 223 et seq
[5] Xhieda tal-attur a fol 68
[6] Fol 68
[7] Affidavit ta' Joseph Theuma a fol 104
[8] Affidavit Perit Lorraine Bonnici Cassar a fol 168
[9] Xhieda ta' Brian Micallef a fol 173 et seq

**Ikkunsidrat:**

Iz-zewg konvenuti ressqu xi eccezzjonijiet ta' natura preliminari.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' konvenuta** tghid hekk -

*"Illi preliminarjament, u skont l-Artikoli tal-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' intimata għandu jaqra "l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta" u għalhekk l-Awtorita' intimata qiegħda tippreżenta din ir-risposta bħala "l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta";"*

Din l-eccezzjoni hija ormai sorvolata bis-sahha tad-digriet tal-Qorti tat-28 t'Awissu 2013[10] permezz ta' liema giet ordnata d-debita korrezzjoni fl-okkju. **Ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**It-tieni eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' konvenuta** tghid hekk -

*"Illi wkoll preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li r-rikorrenti jippruvaw it-titolu tagħhom fir-rigward tal-proprjeta' allegatament danneġjata;"*

Din il-prova saret mill-atturi permezz tal-kuntratt ta' donazzjoni tat-23 ta' Gunju 2003 fuq imsemmi[11]**. L-eccezzjoni hija ghalhekk michuda.**

**L-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta** tghid hekk -

*"1. Illi, preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox intempestivi u dan stante li l-esponenti qatt ma giet interpellata sabiex tersaq ghal*

[10] Fol 13
[11] Fol 56 et seq

*likwidazzjoni u ghal hlas tad-danni allegatament subiti mill-istess rikorrenti, ghajr ghal proceduri odjerni;"*

Il-Qorti tqis li anke jekk is-socjeta' konvenuta ma gietx ufficjalment interpellata b'ittra ufficjali ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, hija xorta ssokkombiet ruhha ghall-proceduri fil-mertu anke billi ressqet il-provi taghha u ezaminat ix-xhieda u provi tal-partijiet l-ohra. **L-eccezzjoni ghalhekk hija michuda**.

**Ikkunsidrat:**

Qabel tghaddi biex tqis it-talbiet tar-rikorrenti l-Qorti sejra tevalwa s-segwenti:

**1. Ix-xoghlijiet fi Triq Patri Avertan Fenech Il-Mosta**

Il-**perit Lorraine Bonnici Cassar**, impjegata fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u nkarigata fuq il-progett li kien qieghed isir f'din it-triq xehdet estensivament dwar in-natura ta' dawn ix-xoghlijiet[12] –

*"3. Meta nbeda x-xoghol in kwistjoni, din kienet ghadha mhux kompluta, kellha diversi hofor fil-wicc taghha.*

*[.....]*

*7. Parti mix-xoghol fit-triq in kwistjoni kien jirrigwarda t-twessiegh tat-triq kif ukoll it-tkabbir ta' water culvert ezistenti. Dan ix-xoghol kellu jsir skont il-linji u l-livelli moghtija mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ("MEPA") u kien jirrikjedi:*

[12] Fol 169 et seq

*(i) L-esproprju ta' art privata ghat-twessiegh tat-triq u l-ikkompletar tat-triq bl-asfalt u l-utilitajiet skont il-linji u l-livelli tal-MEPA u awtoritajiet koncernati sabiex din tkun skont l-istandards normativi;*

*(ii) It-twaqqiegh u bini mill-gdid ta' hajt antik li kien jaghlaq ghalqa hdejn id-dar ta' Tristan Camilleri u proprjetajiet ohra sabiex jigi akkomodat il-bzonn tat-twessiegh tat-triq skont il-linji tal-MEPA;*

*(iii) It-tkabbir ta' water culvert ezistenti, maqtugha fil-blat, li kellha tigi mkabbra sabiex jitjieb il-mixi tal-ilma tax-xita fit-triq.*

*8. Sabiex seta' jsir dan ix-xoghol, il-kuntrattur kellu jaqla' l-hajt l-antik imsemmi u jirrimpjazza l-istess b'iehor gdid aktar il-gewwa u jwessa' l-culvert billi jiskava l-istess aktar l-isfel sabiex jizdied l-ammont ta'ilma tax-xita li jkun jista' jingabar u jghaddi minn go fih bil-hsieb li jigu evitati gharghar u hsara."*

Fl-epoka li fiha sehhet il-maltempata msemmija, parti kbira minn dan il-progett kienet lesta. Kif kompliet tixhed il-perit Bonnici Cassar[13] –

*"13. Mill-bidu ta' Awissu 2012 sal-bidu ta' Settembru, 2012, il-kuntrattur kien diga' lahaq ghamel il-maggoranza tax-xoghol fit-triq in kwistjoni. Huwa kien diga' waqqa' l-hajt l-antik li kien jaghlaq l-ghalqa hdejn id-dar tas-Sur Camilleri u mexa bil-bini ta' wiehed gdid li jirrimpjazzah, beda jahdem fuq il-footpaths u anke sar xi xoghol fuq il-water culvert. Dan kollu skont l-allinjamenti tal-MEPA."*

**Joe Vella** ghan-nom tas-socjeta' konvenuta qal[14] li fil-perjodu meta sehhet il-maltempata il-*culvert* l-antik kien ghadu miftuh, imma kien imnaddaf u kienu

[13] Fol 170

waslu biex jghalqu l-kaptelli. Dwar il-hajt li twaqqa biex titwessa t-triq huwa qal li sa dak iz-zmien dan kien twaqqa' u kien beda tiela' l-hajt il-gdid.

Gew esibiti wkoll diversi ritratti li jaghtu hjiel tal-andament tax-xoghlijiet fit-triq imsemmija.

**2. Il-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012**

Huwa pacifiku li fid-data msemmija u anke gurnata qabel sehh maltemp f'Malta u ghamlet hafna xita.

Kif xehed **Brian Micallef mill-ufficju meterjologiku**[15] -

*"Nikkonferma li fit-2 ta' Settembru u t-3 ta' Settembru 2012 kien hawn zewg maltempati f'Malta. Fit-2 ta' Settemru 2012, il-maltemp beda fit-tmienja ta' filghaxija. Ghamlet 7.2 millimetri. Dan huwa livell normali bhala kwantita' ta' xita. Imbaghad fit-tlieta ta' Settembru, kien hemm diversi maltempati matul il-gurnata, filghodu u wara nofsinhar. Fil-ghodu 48 millimetri ghamel. Niddeskriviha bhala maltempata qawwija. Dan hu livell li nizel Hal Luqa. Din il-kwantita' niezel minn nofsillejl sat-tmienja ta' filghodu. Wara nofsinhar ghamlet 23 millimetru, dejjem Hal Luqa. Il-maltempati spiccaw fis-sitta ta' bil-lejl.....F'dan iz-zmien tas-sena il-maltempati huma komuni."*

Peress li mill-Mosta ma jittiehed ebda kejl tax-xita, dan ix-xhud ta wkoll taghrif dwar il-kejl ta' xita li gie registrat fit-3 ta' Settembru fil-lokalitajiet ta' Had-Dingli u Birkirkara li huma vicin[16]. F'Birkirkara ukoll gie registrat ammont

[14] Fol 291 et seq
[15] Fol 173
[16] Fol 182 et seq

sostanzjali ta' xita. Huwa kkonferma li dakinhar kien nizel volum ta' ilma. Ix-xhud iddeskriva dawn l-okkazjonijiet bhala rari[17].

### 3. Hsarat fil-basement tal-fond proprjeta' tal-atturi

**L-attur** xehed li dakinhar tal-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012 saritlu *"hsara enormi[18]"* fil-*basement*. Ghamlet halba xita sew f'xi l-4.00am. Qam ghax sema' hoss u sab *"kwantita' kbira ta'ilma. Tela' gholi ta' disa' filati[19]."* Zied li l-ilma beda diehel minn kullimkien, anke minn *sump* li ghandu mad-dar[20]. Hu u xi familjari tieghu irnexxielhom jibdew jippumpjaw l-ilma minn gol-basement izda kif battluh, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar ghamlet halba ohra u rega' far disa' filati ohra. Fost il-hsarat li sab kien hemm numru ta' *aquariums* li nkisrulu, apparat ta' mastrudaxxa u hsara f'affarijiet konnessi mat-tkabbir tal-hut[21].

**Il-perit *ex parte* Anthony Gatt**, inkarigat mill-attur, ghamel spezzjoni tal-basement jumejn wara l-maltempata, fil-5 ta' Settembru 2012 u kkonstata li[22] -

*"Following two storms one in the early morning and the second one in the afternoon on Monday 3rd September, 2012, the basement was inundated with storm water up to a height of 9 courses. Most of the contents and personal items within the basement were destroyed. Also damages could be noted to the finishes namely wall finishes and the floor tiles which were dislodged. Aluminium internal doors were also damaged having their glass shattered by the inundating water.*

---

[17] Fol 180
[18] Fol 68
[19] Fol 68-69
[20] Fol 174
[21] Fol 69
[22] Fol 72

*Besides damages caused to the building finishes mentioned above, loss of a number of other personal items shall be noted. Given the hobby of the client as an aquarist, a number of aquaria suffered heavy damage while the collection of literature about the subject went also lost. Other damaged items include power tools, gym equipment and a gas boiler."*

Fix-xhieda viva-voce tieghu quddiem il-Qorti, dan il-perit qal[23] li ma kienx possibbli li jigi identifikat punt wiehed biss minn fejn ipperkola l-ilma ghal gewwa l-basement tal-atturi. Ghalkemm mal-wasla tieghu fil-post l-ilma kien diga' lahaq gie mbattal mill-atturi, huwa seta' jestabilixxi kemm kien dahal ilma fil-basement mis-sinjal li kien hemm mal-hajt. Huwa sab anke madum maqlugh fil-basement, liema fatt indikalu li l-ilma kien gie minn taht u refa' l-madum. Huwa kkonstata wkoll li d-dawra kollha tal-proprjeta' kienet inondata bl-ilma.

Imbaghad, rapport tal-**perit Alfred Grech**[24] inkarigat mis-socjeta' assikuratrici Middlesea Insurance plc, li maghha l-atturi kienu assikurati fuq il-proprjeta' mmobbli, jghid li[25]-

*"As a consequence of the flooding the floor tiles of the basement were uplifted as water penetrated beneath the floor tiles. Damage was also done to the walls where some of the walls in a particular room were covered in gable sheets.*

*Since the whole basement was flooded, the electrical installation needs to be checked in order to ascertain that no danger exists."*

---

[23] Fol 260 et seq
[24] Datat 27 t'Ottubru 2012
[25] Fol 251 et seq

Gew esebiti in atti wkoll numru ta' ritratti li juru l-entita' tal-hsara li saret f'dan il-*basement*.

Ma hemm ebda dubju ghalhekk li dakinhar tal-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012, l-atturi sofrew danni konsiderevoli minhabba l-influss ta' volum kbir ta' ilma fil-basement taghhom, li kkawza wkoll hsarat fuq diversi oggetti stivati fih.

Dak li jmiss li jigi determinat huwa jekk hemmx responsabbilta' li ghandha tingarr minn xi hadd mill-partijiet ghal dan l-akkadut.

**4. Responsabbilta'**

**L-attur xehed** hekk[26] -

*"Nikkonferma li din it-triq qabel ma saru x-xoghlijiet, meta taghmel ix-xita kien jghaddi kwantita' ta' ilma minnha. F'dan ir-rigward jiena kont attirajt l-attenzjoni tal-perit tal-Awtorita' permezz ta' email tal-20 t'Awissu 2012. Ghalkemm kien jghaddi volum ta' ilma mit-triq, minhabba kif kienu l-livelli tat-triq, jiena ma kontx nigi affetwat. F'dari qatt ma dahal ilma."*

L-attur izid jghid li "*Ilma ma regax dahal fil-proprjeta' tieghi minn dakinhar tal-incident*[27]*.*"

Nonostante l-insinwazzjonijiet li saru mill-konvenuti, ma ngibitx prova li l-attur qatt kien dahallu xi ilma fid-dar qabel jew wara dan l-episodju.

[26] Fol 273 et seq
[27] Fol 274

Inoltre, l-attur xehed li[28] fil- parti ta' quddiem u fuq wara tad-dar fil-qiegh huwa ghandu qatran u *membrane*. Fid-dar huwa ghandu wkoll *sump* biex tkun tista' tilqa' l-ilma. Dwar din is-*sump* il-perit Anthony Gatt xehed hekk[29] –

*"Jekk jiskulalek l-ilma fil-proprjeta', ikollok pompa tal-ilma biex ittellghu ghal fuq it-triq. Hi parti mis-sengha taghna illi jekk ikollok struttura taht it-triq taghmel sump ghall-ilqugh tal-ilma li jista' jidhol."*

Minn dan isegwi li ma jirrizultax li fl-istruttura tad-dar tal-atturi kien hemm xi nuqqasijiet li setghu kienu l-kawza tal-dhul ta' volum tant gholi ta' ilma dakinhar tal-maltempata. L-attur ha diversi prekawzjonijiet biex jipprotegi l-binja tieghu mill-ingress ta' ilmijiet u jidher li dawn kienu normalment adegwati tant li fis-seba' snin li kien ilu jghix fid-dar qatt ma kellu problemi. Certament li maltempati ohra bix-xita sehhew matul dawn is-snin, izda ma jirrizultax li dawn hallew xi mpatt fuq il-*basement* jew ir-residenza in kwistjoni, nonostante l-fatt li dik it-triq kienet u hija meqjusa bhala wahda li minnha jghaddi hafna ilma meta taghmel ix-xita, tant li ddahhlet kif inghad fil-progett nazzjonali mahsub ghal *storm water relief*.

Il-Qorti ghalhekk ma ssib ebda nuqqas da parti tal-atturi f'din il-vicenda.

F'dan l-istadju jigi osservat li l-uniku fattur differenti mis-soltu, u allura estraneu, fi Triq Patri Avertan Fenech dakinhar tat-3 ta' Settembru 2012 kienu x-xoghlijiet li kienu ghaddejjin f'din it-triq sa mix-xahar ta' qabel. Dak li jrid jigi evalwat ghalhekk huwa jekk dawn ix-xoghlijiet kellhomx impatt fuq id-danni li sofrew l-atturi fil-proprjeta' taghhom.

---

[28] Fol 174
[29] Fol 98

Kemm is-socjeta’ konvenuta u anke l-Awtorita’ konvenuta t-tnejn jichdu li hemm xi konnessjoni bejn dawn ix-xoghlijiet u l-kwantita’ ta’ ilma li dahal fil-basement tal-attur.

Il-**perit Lorraine Bonnici Cassar** ghan-nom tal-Awtorita’ tixhed hekk[30] -

*“14. Fit-3 ta’ Settembru 2012 sehhew zewg maltempati kbar, wahda kmieni filghodu u l-ohra aktar tard, wara nofsinhar. Jien fil-fatt kont mort fuq is-sit wara l-ewwel maltempata ghal habta tad-9 ta’ filghodu. It-triq kienet kollha tajn u ilma minhabba l-ammont abnormali kbir ta’ xita li kienet ghamlet izda jien hemm innutajt li l-culvert kien qed jaghmel xoghlu li jmexxi l-ilma filwaqt li l-hajt il-gdid li kien ghadu qieghed jinbena sabiex jaghlaq l-ghalqa hdejn id-dar tas-Sur Camilleri kien laqa’ l-ilma li ngabar fl-ghalqa tant li l-ghalqa kienet parzjalment flooded.*

*[…..]*

*17. Finalment, rigward l-iskular ta’ ilma gewwa l-basement tas-Sur Camilleri, jien nikkonkludi illi probbabilment dan sehh mill-gnien ta’ magenb id-dar tieghu. Ghaldaqstant is-sengha titlob li kull struttura specjalment basement li huwa taht il-livell tal-qatran ghandha tkun mibnija waterproof.”*

Il-Qorti tosserva izda li kif diga’ gie muri, il-proprjeta’ tal-attur hija mghammra b’*membrane* u qatran li matul is-snin jidher li servew b’mod adegwat l-iskop taghhom li jilqghu l-ilmijiet milli jidhlu fil-basement tal-fond tal-atturi. Inoltre, ghalkemm il-perit Cassar Bonnici irreferiet ghall-lok li fil-fehma taghha minnu dahal l-ilma ghand l-atturi, dan mhux biss ma giex pruvat, izda hija wkoll baqghet ma tat ebda spjegazzjoni plawsibbli dwar il-kawza li wasslet biex f’din

[30] Affidavit a fol 170-171

l-okkazzjoni unika, proprju fil-kors tax-xoghlijiet li kienu ghaddejjin fit-triq, il-*basement* tal-atturi spicca ghereq b'dak il-mod.

Il-fehma tal-Qorti hi li la matul is-snin, dawn il-fenomeni annwali ta' maltempati qawwijin bix-xita ma kellhom ebda mpatt negattiv fuq il-proprjeta' tal-atturi, kienu fuq bazi ta' probabilta' proprju x-xoghlijiet li kienu ghaddejjin fit-triq li wasslu ghall-konsegwenzi tant drastici fil-*basement* tal-atturi. Din il-fehma tal-Qorti hija msahha mill-ispjegazzjoni ferm plawsibbli li ta l-perit Anthony Gatt fejn - anke bis-sahha ta' ritratti mehudin fil-perjodu in kwistjoni li jsahhu t-tezi tieghu - kkonstata li filwaqt li qabel ma sar il-progett mill-konvenuti l-hajt l-antik tal-gnien kien jilqa' l-ilmijiet tax-xita, fl-epoka tal-maltempata msemmija dan kien twaqqa' u kien ghadu fil-fazi li qed jerga' jinbena, b'dana li l-livell baxx tieghu sa dak l-istadju kien ghadu wisq baxx biex izomm l-ilma kollu tax-xita u b'hekk l-ilma qabez il-livell tal-hajt baxx ghal gol-gnien b'dana li spicca mbaghad dahal ghand l-atturi. Ir-rapport isemmi wkoll il-problemi l-ohra li probabilment iffacilitaw dan l-ingress ta' ilma. Kif spjegat fir-rapport dettaljat ta' dan il-perit[31]-

*"It should be noted that in the days before the occurrence of the storm, road works were under way on the road (Triq Patri Avertan Fenech) from which this property is accessed. These road works included the widening of the road by demolishing a garden wall and rebuilding it in hollow concrete block work, following the established road alignment. The storm occurred when the older wall had been completely demolished and the construction of the new wall had just commenced.*

*The old garden wall used to screen both the garden and Mr. Camilleri's property from storm water flowing down through Triq Patri Avertan Fenech*

[31] Fol 72A et seq

*from Mosta Center. As a result of the construction works, when the old wall was demolished, the storm water was allowed to flow into the garden it used to enclose abutting Mr. Camilleri's property. Following this, a trench along the side perimeter of the house became inundated and subsequently, water found its way into the basement making damages to the finishes and destroying the contents within. The basement was inundated under 9 courses of water. Following the storm in the early morning of the 3rd September, this water was pumped out but the same incident repeated itself after a similar storm in the evening of the same day.*

*Part of the ongoing project also involved the intervention on an old water culvert which used to relieve the road surface from surface from storm water. At the time of the storm, parts of this culvert along Triq Patri Avertan Fenech were open causing the water within to travel also through other routes. With the dismantling of the old wall, a large section of the road was excavated longitudinally half way through, creating a better alternative than the remaining section (now at a higher level) of the road for the passage of storm water. It was through this channel that water was led through the garden from where is seeped into Mr. Camilleri's property.*

*Also, at the time of the storm, as part of the ongoing project, the concrete pavement along the façade of the property was also removed. The concrete pavement used to prevent storm water from percolating through the building's foundations under the main façade."*

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, dan il-perit rega' sahaq li[32] –

[32] Fol 261

*"Dan kellek il-livell tat-triq fejn hemm il-faccata tad-dar ta' Tristan kienet aktar gholja qabel ma bdew ix-xoghlijiet minn Transport Malta. Nikkonferma li mbaghad dan il-wicc thammel biex b'hekk din it-triq ma baqghetx iktar gholja mill-isqaq. Tnehha wkoll dak il-hajt immarkat bi vlegga hamra fuq ir-ritratt A, fol mitejn u ghoxrin (220). Dan wassal biex gie f'livell wiehed u l-ilma qaleb ghal fuq il-proprjeta' tal-klijent tieghi."*

Il-Qorti wara li evalwat dan kollu ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li kienu x-xoghlijiet infushom, jew ahjar in-nuqqasijiet li saru mill-konvenuti fl-ezekuzzjoni taghhom li wasslu ghall-episodju li sewa hafna danni lill-atturi.

Dan iwassal ghall-evalwazzjoni ta' responsabilta' li tista' tmiss lill-konvenuti jew min minnhom.

Jibda biex jinghad li ghalkemm ix-xita hija fenomenu naturali li fuqha l-bniedem ma ghandu ebda kontroll, min hu responsabbli minn xoghlijiet bhal ma saru fil-kaz odjern ghandu d-dover li jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex tali xoghlijiet jigu ezegwiti bl-inqas inkonvenjent u hsara possibbli lill-propjetarji tal-fondi fl-akkwati. Dan jghodd kemm ghal min jikkommissjona x-xoghol u anke ghal min jesegwih.

**Joe Vella, direttur tas-socjeta' konvenuta** insista[33] li huma dejjem aderixxew mal-kundizzjonijiet impost fuqhom fuq il-kuntratt u kienu jimxu mal-istruzzjonijiet moghtija lilhom mir-rapprezentanti ta' Transport Malta li kkummissjonaw il-progett, partikolarment il-perit Bonnici Cassar.

[33] Fol 284 et seq

Minn naha taghha l-Awtorita' konvenuta, permezz tal-perit Bonnici Cassar tishaq li l-kuntrattur kellu struzzjonijiet u obbligi specifici fil-Contract Agreement li kellu fejn fost ohrajn –

*"kellu jirranga t-triq u jirranga kull hsara prezenti fl-istess minghajr ma jikkawza inkonvenjent lir-residenti u kellu wkoll jiehu dawk il-mizuri kollha necessarji sabiex jevita kull hsara lill-proprjeta' ta' terzi. Fil-fatt bhala garanzija ta' dan, il-kuntrattur kien obbligat jaghmel garanzija ghal kull hsara li setghet tinqala' waqt ix-xoghlijiet u li jiehu wkoll polza ta' assikurazzjoni*[34]."

L-Awtorita' esibit ukoll il-*Framework Agreement* kif ukoll il-*Contract of Works* relattivi ghal dan il-progett[35]b'diversi kundizzjonijiet impost fuq il-kuntrattur fit-twettiq tax-xoghol tieghu. L-Awtorita' gabet ukoll prova tramite l-**field officer taghha Joseph Theuma** li kienu regolarment isiru spezzjonijiet tal-andament tax-xoghol fuq is-sit mill-Awtorita'[36].

Izda l-Qorti tqis li:

1. L-obbligi kuntrattwali bejn iz-zewg konvenuti huma *res inter alios acta* ghall-atturi. Kif tajjeb osserva d-difensur tal-attur fit-trattazzjoni tieghu, il-fatt li l-kuntrattur kien qieghed jesegwixxi l-istruzzjonijiet tal-Awtorita' u l-fatt li l-Awtorita' kienet sodisfatta bl-andament generali ta' dawn l-istess xoghlijiet ma jezonerax lill-ebda wiehed minnhom mir-responsabbilta' taghhom fil-konfront tal-attur.

[34] Affidavit tal-Perit Lorraine Bonnici Cassar a fol 168
[35] Fol 19 et seq
[36] Affidavit Joseph Theuma u dokumenti esibiti minnu a fol 104 et seq

2. Huwa ben maghruf li fil-perjodu tas-sena li fih sehhet il-maltempata tat-3 ta' Settembru 2012, maltempati simili huma komuni f'Malta, specjalment f'dan il-perjodu tas-sena.

3. Kien ghalhekk jinkombi fuq entrambi l-konvenuti li, fir-rwoli rispettivi taghhom, jaghtu mportanza lil dan il-fattur fl-istadji kollha ta' dan il-progett, u cioe' kemm qabel ma beda x-xoghol, kif ukoll waqt li ghaddejjin l-istess xoghlijiet;

4. Ghal dak li jirrigwarda l-Awtorita' hija certament kellha tiehu mizuri adegwati sa mill-istadju ta' tfassil tal-progett sabiex tassikura ruhha li r-residenti ma jintlaqtux hazin mix-xoghlijiet partikolarment fl-eventwalita' li taghmel ix-xita fi kwantitajiet akbar mis-soltu. Dan jinghad proprju fid-dawl tal-fatt li l-perjodu li fih inbeda l-progett kien ifisser li dan ser jahbat zgur mal-istagun tax-xita li x-xahar ta' Settembru huwa partikolarment u notorjament maghruf ghalih fi gziritna.  Id-dover tal-Awtorita' ikompli wkoll ghall-kors kollu tal-progett in kwantu hija kellha wkoll l-obbligu tas-sorveljanza fuq is-socjeta' konvenuta sabiex ix-xoghlijiet ma jikkawzawx problemi lir-residenti minhabba x-xita;

5. Minn naha l-ohra, l-kuntrattur ukoll kien jaf li huwa kien ser ikun qed jezegwixxi parti mill-progett fil-perjodu li fih tinzel hafna xita. Mela anke huwa kellu juza d-diligenza ta' *bonus pater familias*, u bhala kuntrattur kellu juza l-esperjenza tieghu biex jiehu l-prekawzjonijiet idonei sabiex f'kaz ta' xita ma jostakolax bl-istess xoghlijiet ir-rotot tal-ilma sabiex dawn ma jispiccawx diretti lejn id-djar tar-residenti;

6. Dawn l-osservazzjoni qed isiru b'mod aktar emfatiku fid-dawl tal-fatt li z-zewg konvenuti kienu ben konsapevoli tal-fatt li minn dik it-triq jghaddi hafna

ilma tax-xita, fatt li gie anke konfermat lilhom mir-residenti stess tat-triq inkluz l-atturi.

Infatti l-attur Tristan Camilleri, **proprju ftit granet qabel ma sehh l-event mertu ta' dawn il-proceduri**, u cioe' fl-20 t'Awissu 2012, kien baghat email lill-perit Cassar ta' Transport Malta fejn anticipa l-problema li setghet tohloq inzul ta' kwantita' ta' xita f'dik it-triq minhabba x-xoghlijiet kif kienu qed isiru, inkluz il-possibilta' ta' *flooding* tal-basement tieghu, u talab azzjoni fir-rigward. Huwa kiteb hekk[37] –

*"This road is currently being constructed and we have noticed that the proposed road levels will create a slope towards the Mosta playing field whilst the existing slope is in the opposite direction. From my experience living in this street for the past 27 years this will be very problematic when it will be raining since there is a huge volume of water collecting in this street sometime flooding the street itself. This is because quite a large amount of water collects in this street and is lead towards the Wied il-Ghasel valley. By having the slope running in the opposite direction will lead to restricting the water flow and possibly flooding my basement. Thus I am asking for a re-valuation of the slope direction of this road taking into consideration of the above."*

B'dan l-attur kien kjarament gab a konjizzjoni ta' l-Awtorita' konvenuta il-kawtela necessarja li kellha titiehed fil-konfront ta l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet pjanati.

6. Ma tressqu ebda provi li jikkonvincu lil din il-Qorti li dawn iz-zewg konvenuti osservaw l-obbligi taghhom f'dan ir-rigward.

[37] Fol 85

7. Mhux biss l-Awtorita’ ma tatx hjiel dwar x’mizuri hadet kemm qabel u waqt il-progett sabiex tassikura li r-residenti ma jigux negattivament affetwati f’kaz ta’ xita ta’ certa kwantita’, izda rrizulta wkoll li meta l-attur ressaq ilment legittimu maghha fir-rigward tar-residenza tieghu, hija m’ghamlet xejn. Infatti meta mistoqsija x’sar fir-rigward tal-email succitata, l-perit Cassar Bonnici wiegbet biss li –

*“Dwar l-ilment tas-Sur Camilleri ma ttiehdet l-ebda azzjoni*[38]*.”*

8. Is-socjeta’ konvenuta ukoll kienet taf bil-problema tax-xita f’dik it-triq tant li kif xehed Joe Vella stess, huwa kien konsapevoli tal-fatt li xi residenti kienu nfurmaw lill-perit Cassar Borg li hemmhekk *“jeghreq bl-ilma*[39]*.”*

9. Inoltre jinghad ukoll illi s-socjeta’ konvenuta ma gabitx hjiel ta’ prova biex turi x’ghamlet hi, biex fit-twettiq tax-xoghlijiet tiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex ma tostakolax l-*escape route* tal-ilma tax-xita u sabiex tipprovdi lqugh adegwat ghar-residenzi tat-triq sabiex dan l-istess ilma tax-xita ma jispiccax gol-proprjetajiet taghhhom sakemm jitlestew ix-xoghlijiet. Filwaqt li bhala kuntrattur is-socjeta’ konvenuta kellha ssegwi l-ordnijiet tal-Awtorita’ ghal dak li hu twettiq holistiku tal-progett innifsu, huwa parti mit-thaddim baziku tal-logika u buon sens fil-kors tal-operat normali tal-kuntrattur fuq il-lant tax-xoghol li jiehu certi prekawzjonijiet ovvji fi triq li minnha huwa ben saput li jghaddu hafna ilmijiet tax-xita. Dan kellu jsir minghajr il-htiega li joqghod jistenna lill-Awtorita’ biex ittih xi struzzjoni fir-rigward;

[38] Fol 191
[39] Fol 285

10. Jidher li kien biss **<u>wara</u> li sehh dan l-episodju mertu tal-proceduri** li l-konvenuti mpenjaw aktar ruhhom biex jevitaw li dan jirrepeti ruhu. Joe Vella xehed hekk[40] -

*"….x'kien, x'qalulkom Transport Malta rizultat ta' dan l-incident?...*

*Xhud: ….li naghlqu kemm jista' jkun halli n-nies ma jidhlilhomx ilma..."*

Ghal dawn in-nuqqasijiet, fil-fehma tal-Qorti, huma z-zewg konvenuti li m'agixxewx b'diligenza ta' *bonus pater familias* u dan f'cirkostanza prevedibbli li setghet giet evitata. Iz-zewg konvenuti ghandhom ghalhekk iwiegbu solidalment bejniethom ghal dik li hija responsabbilita' ghall-akkadut a tenur tal-artikolu 1050 tal-Kodici Civili.

Ghal kull buon fini ssir referenza wkoll ghall-kaz **L-Imhallef Vincent DeGaetano et vs Stefan Cordina noe et deciz fit-2 ta' Mejju 2016**[41] fejn waqt maltempata f'Settemebru 2010 l-atturi wkoll kienu sofrew danni minhabba ingress qawwi ta' ilma fil-garaxx taghhom b'rizultat ta' nuqqas ta' prekawzjoni mehuda mill-appaltant u l-appaltatur fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet li kienu ghaddejjin fil-vicin:

*"Huwa minnu li bhala regola, kuntrattur fit-twettiq tax-xoghlijiet jopera b'awtonomija, bl-organizazzjoni proprja tieghu u bl-uzu ta' dawk il-mezzi mehtiega biex iwettaq ix-xoghol. Izda r-responsabbilta' globali tax-xoghlijiet, f'dan il-kaz tal-progett in kwistjoni fil-gnien pubbliku, inkluz is-sorveljanza tal-istess xoghlijiet kienet f'idejn il-Kunsill appellant. Il-Kunsill kien ghalhekk ben konsapevoli ta' dak kollu li sar u ma sarx fil-progett inkluz tal-istat li fih thallew ix-xoghlijiet mill-kuntrattur meta harget l-istop notice. L-interpretazzjoni tal-appellanti li mal-hrug tal-istop notice "ma seta' jsir litteralment xejn" hi barra*

[40] Fol 294
[41] App Nru 248/13

*minn lokha. L-iskop logiku ta' "stop notice" mahrug mill-awtoritajiet kompetenti huwa proprju li jwaqqaf milli jsiru xi xoghlijiet li jistghu jaghmlu xi hsara materjali jew jipperikolaw l-istat u l-valur tas-sejba arkeologika. Certament izda dan il-waqfien mix-xoghol ma jipprekludix mizuri ta' prekawzjoni. M'huwiex il-kompitu tal-Qorti biex tghid x'kellu jaghmel il-kuntrattur biex jigi evitat dak li fil-fatt gara. Li hu zgur huwa li dik il-hofra ma kellha qatt tithalla hekk mitluqa u miftuha b'dak il-mod u lanqas kellu l-culvert imkisser jithalla f'dak l-istat ghal daqstant tul ta' zmien. L-obbligu li jindirizzaw dawn il-materji fil-pendenza tal-istop notice kien jinkombi kemm fuq l-appaltatur innifsu kif ukoll fuq il-kommitent li ghandu d-dover ta' sorveljanza biex jassikura li l-mizuri idoneji ta' prekawzjoni jittiehdu bla dewmien. Kemm il-Kunsill Lokali appellant kif ukoll il-kuntrattur ghalhekk naqsu entrambi milli jagixxu b'diligenza ordinarja ta' bonus paterfamilias f'cirkostanzi prevedibbli u cioe' li sakemm tigi rizolta l-kwistjoni dwar l-oqbra punici x-xoghol necessarjament kellu jieqaf ghal tul ta' zmien, u liema zmien allura kien se jkopri x-xhur tax-xita f'zona maghrufa li hija "flood prone area" bil-konsegwenzi kollha li n-nuqqas t'azzjoni da parti taghhom seta' jgib mieghu a skapitu ta' terzi kif kif fatt gara.*

*Ghal din in-nuqqas ta' hila murija fil-vicenda in kwistjoni jrid jirrispondi mhux biss il-kuntrattur izda anke l-Kunsill Lokali.*

*Fis-sentenza* ***Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano proprio et nomine*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2014, gie osservat:-*

*"Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni (specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll*

*is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti (ara* ***Grech v. Kummissarju tal-Pulizija****, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u* ***Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et.****, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti (Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano pro et nomine, deciza mill-appell fil-31 ta' Jannar 2014)" (enfazi mizjuda).*

Jinghad ukoll li fil-kaz **Ignatius Busuttil vs Transport Malta et deciz fit-13 ta' Jannar 2016**[42] il-Qorti kienet ikkonfermat ir-responsabbilta' solidali kemm tal-kuntrattur u anke tal-appaltant fir-rigward ta' perkolazzjoni ta' hafna ilma fil-garaxx tieghu meta ghamel maltemp bix-xita wkoll f'Settembru u dan kawza ta' trinka li kienet qed tithaffer fil-vicinanzi minn kuntrattur imqabbad mill-Enemalta u li thalliet miftuha minghajr ebda prekawzjoni ghall-ilqugh mix-xita. Ntqal is-segwenti f'din id-decizzjoni:

*"Il-Korporazzjoni ssostni li m'ghandha l-ebda responsabbilta ghall-akkadut ghaliex ix-xoghol sar minn JAJ Co Ltd. Jirrizulta li fit-8 ta' Frar 2007, JAJ Co Ltd flimkien ma' kumpanniji ohra ffirmaw skrittura privata sabiex jaghmlu xoghol ta' trenching. Fil-kuntratt jinghad:*
*"14.0 Damages*
*14.1 All precautions are to be taken by the Contractor to eliminate danger to the public and to the workmen.* ***All damages to any property or persons sustained during the execution of works shall be the responsibility of the Contractor****" (enfazi tal-qorti).*

[42] App Nru 333/10

*Ghall-attur dan il-ftehim hu res inter alios acta u ghalhekk il-Korporazzjoni ma tistax tirnexxi fid-difiza taghha billi tistrieh biss fuq dak li jinghad fil-ftehim. Min-naha l-ohra m'hemmx dubju li x-xoghol twettaq mis-socjeta JAJ Co Ltd. Il-Korporazzjoni ssostni li ma tressqet "…… ebda prova ta' danni jew kagun tad-danni li setghet kienet responsabbli ghalihom l-Enemalta".*

*Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li ssir bi htija tieghu.*
*Ghalkemm it-Tribunal qal: "Minkejja dan il-ftehim, ir-responsabbilta legali tal-Korporazzjoni Enemalta tibqa' xorta flimkien mar-responsabbilta li ghandu l-kuntrattur", naqas milli jghid kif wasal ghal tali konkluzjoni.*

*Bhala regola kuntrattur fit-twettiq tax-xoghlijiet appaltati, jopera b'awtonomija, bl-organizazzjoni proprja tieghu u bl-uzu ta' dawk il-mezzi mehtiega biex iwettaq ix-xoghol. F'dan il-kuntest il-qorti tislet bran minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni numru* ***12971 tas-27 ta' Mejju 2010****:-*
*"Una corresponsabilita' del committente puo', infatti, verificarsi solo in due casi: o quando l'opera sia stata affidata ad impresa manifestamente inidonea (cosiddetta culpa in eligendo), ovvero quando la condotta causativa del danno sia stata imposta all'appaltatore dal committente stesso, attraverso rigide ed inderogabili direttive (ex plurimis: Cass. n. 10588/2008; n. 7755/2007; n. 15782/2006). In particolare un dovere di controllo di origine non contrattuale gravante sul committente al fine di evitare che dall'opera derivino lesioni del principio del neminem laedere, di cui alla norma generale contenuta nell'art. 2043 c.c., puo' essere configurato solo con riferimento alla finalita' di evitare specifiche violazioni di regole di cautela (Cass. n. 13131/2006; n. 11478/2004)* ***e non anche al fine di realizzare una generale supervisione da parte del committente sulla conformita' del comportamento dell'appaltatore al principio base della responsabilita' civile****; e cio' in quanto la funzione di*

*controllo e' assimilabile a un potere che puo' essere riconosciuto nei rapporti interni fra committente e appaltatore, in correlazione alla riduzione o eliminazione della sfera di autonomia decisionale del secondo e solo eccezionalmente puo' assumere rilevanza nei confronti dei terzi".*

*Fix-xoghol ma kien hemm xejn ikkumplikat u m'hemmx prova li fil-kors tat-twettiq tax-xoghol il-*Korporazzjoni *tat xi ordnijiet li setghu taw lok ghall-hsara fil-fond tal-attur. Pero' rrizulta li ufficjal tal*-Korporazzjoni *kien qieghed imur fis-sit fejn kien qieghed isir ix-xoghol u kkonferma li dam ghaddej ghal xi hmistax-il gurnata (ara deposizzjoni ta' Mario Sultana). Kien ghalhekk fatt maghruf ghall-*Korporazzjoni *li l-kuntrattur kien ghamel trinka fit-triq u halliha miftuha mhux ghal gurnata jew tnejn. Bhala entita tal-Gvern, il-*Korporazzjoni *kellha dmir tizgura li t-trinka tinghalaq fl-iqsar zmien possibbli u mhux tithalla miftuha ghal dawk il-granet kollha bil-perikli kollha li dan il-fatt igib mieghu.*

*Fis-sentenza* **Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano proprio et nomine** *deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2014, gie osservat:- 4*

*"**Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol, ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni** (specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici), **isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti** (ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et., deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna*

*ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti (Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano pro et nomine, deciza mill-appell fil-31 ta' Jannar 2014)" 6(enfazi mizjuda).*

**Ghaldaqstant, l-ewwel talba attrici sejra tintlaqa' kif hawn deciz.**

**5. Likwidazzjoni u hlas ta' danni**

L-attur xehed[43] dwar il-hsarat li huwa sofra fil-basement tieghu. Isemmi fost ohrajn il-hsarat li huwa sofra f'diversi *aquariums* li hu qatt ma kien ghadu uza ghax huwa kien ghadu qed jarma l-*basement* bihom minhabba l-passatemp tieghu tal-hut. Numru ta' rivisti tal-hut li huwa kien ilu jgemma u li whud minnhom ma kienx ghad hawn kopji taghhom inqerdu wkoll. Kellu jibdel ukoll il-plakek u s-salvavita peress li l-ilma tela' disa' filati. Irrefera wkoll ghal spejjez ta' €2,000 relatati mal-qlugh tal-madum, thammil u tqeghid tal-madum li parti sostanzjali minnu kellu jinbidel. Semma wkoll il-htiega li ssir tibjida ohra fil-basement inkluz tikhil peress li nqala xi kisi.

Huwa pprezenta elenku tal-istima ta' prezzijiet ta' oggetti mobbli li huwa jghid li jridu jigu rimpjazzati minhabba l-hsarat[44]. It-total huwa ta' €10,290. L-attur qal li dawk ic-cifri huma ta' mobbli godda u ma hax in konsiderazzjoni tad-deprezzament taghhom. Qal ukoll li mhux l-oggetti kollha msemmija f'din l-istima kienu gew rimpjazzati[45]. Il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm l-attur fl-istima msemmija indika s-somma ta' €1,500 ghall-kotba u magazines dwar il-hut, huwa spicca xtara l-edizzjonijiet li kienu ghadhom disponibbli bi prezz

[43] Fol 87 et seq
[44] Fol 90
[45] Fol 275

skontat ghas-somma ta' €277.20 inkluz ix-*shipping*[46]. L-attur esebixxa wkoll numru ta' ricevuti[47] li fost ohrajn ikopru plakek tad-dawl, xiri u tqeghid ta' madum u xoghol ta' zebgha. It-total ta' dawn l-ircevuti huwa €7,169.83.

Il-perit ta' fiducja tal-attur Anthony Gatt ghamel stima dettaljata tal-ispejjez mehtiega ghat-tiswijiet fil-finishes tal-binja. Huwa indika dawn ic-cifri f'zewg stimi separati[48]–

**Stima 1 – Reinstatement works due to water flooding**

Demolition works – €1,081

Filling works – €660

Finishing works – €4927,50

<u>TOTAL inkluz il-VAT – €6,668.50</u>

**Stima 2 – Remedial works due to water flooding**

Excavation works – €302.40

Filling works – €4,500

Water and Damp proofing works – €704

Alteration & Lumpsum Works – €300

[46] Email datata 24 ta' Settembru 2012 esibita waqt is-sedura tat-12 t'Ottubru 2012 – Dok TC 3
[47] Fol 91 et seq
[48] Fol 78 et seq

<u>TOTAL inkluz il-VAT – €5806.40</u>

Gew esibiti numru ta' ritratti li jikkonfermaw l-entita' tal-hsarat li sofrew l-atturi kawza ta' dawn l-ilmijiet.

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li s-socjeta' assikurattiva MiddleSea Insurance plc, li maghha l-atturi kellhom polza li tkoprilhom il-binja hallset lill-attur is-somma ta' €5647.00[49] biss peress li huwa gie meqjus li ghandu l-proprjeta' *under-insured*. Kif xehdet **Denise Gauci Condorato**[50], is-socjeta' assikurattiva hallset biss ghall-hsara fil-bini izda mhux ghall-kontenut tal-oggetti li kien hemm fil-garaxx. Fir-rigward tas-somma mhallsa lill-attur pero' ix-xhud Condorato qalet li s-socjeta' assikuratrici ftehmet mal-attur biex huwa jigbor dik is-somma ghan-nom taghha[51]. Madankollu, din is-socjeta' qatt ma ssejhet biex tkun parti minn dawn il-proceduri jew ghazlet biex fihom tintervjeni u fuq kollox l-attur stess xehed li fil-kawza tal-lum huwa qieghed ifittex biss id-differenza ta' dak li ma nghatax mill-insurance[52]–

*"Peress li jiena kont underinsured, l-insurance ma kopritnix ta' kollox. Id-differenza li ma thallastx minghand il-MiddleSea issa qed nitolbu f'din il-kawza."*

Il-Qorti ghalhekk sejra tnaqqas il-hlas li l-atturi rcevew minghand is-socjeta' assikuratrici taghhom meta taghmel il-komputazzjoni tas-somma li ser tigi likwidata.

[49] Dok DC 3
[50] Fol 248
[51] Fol 264. Vide ukoll l-ittra esebita afol 237 fejn is-socjeta aaaikurattrici tablet li tigi nkulza fil-proceduri odjerni. Jerga jinghad li nonostante cioe ma hadet ebda azzjoni ulterjuri biex issegwi dan.
[52] Fol 275

Jigi nnutat ukoll li hadd mill-konvenuti ma rribatta bi provi kuntrarji, il-provi li tressqu mill-atturi dwar id-danni.

Ghaldaqstant u wara li l-Qorti qieset dawn il-provi kollha, inkluz l-ircevuti esibiti u l-istimi (li uhud minnhom ma jirriflettux id-deprezzament tal-mobbli hemm indikati), kif ukoll il-fatt li parti mill-istima tal-perit Gatt tkopri wkoll tiswijiet li taghhom gew esibiti ricevuti bhal madum, tasal ghall-konkluzjoni li ghandha tigi likwidata s-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) *arbitrio boni viri* li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta' €5647.00 li l-atturi rcevew minghand is-socjeta' assikurattiva taghhom. It-total likwidat favur l-atturi huwa ghalhekk ta' **erbatax-il elf tlett mija u tlieta u hamsin Ewro (€14,353) liema somma ghandha tithallas miz-zewg konvenuti solidalment bejniethom.**

**Ghaldaqstant, it-tieni u t-tielet talba tal-atturi sejra tigi akkolta, u l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jigu respinti.**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

**1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta u tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet taghha;**

**2. Tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Central Asphalt Limited;**

**3. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenuti solidalment bejniethom kienu responsabbli ghal hsarat u konsegwenzjali danni sofferti mill-atturi fl-effetti mobbli u anke fl-istess basement tad-dar taghhom nhar it-3 ta' Settembru 2012 meta dan l-istess basement ghereq bl-ilma kawza**

**tax-xoghlijiet li l-istess konvenuti kienu qed jaghmlu fil-vicinanzi tar-residenza tal-atturi fi Triq Patri Avertan Fenech, Il-Mosta;**

**4. Tillikwida s-somma ta' erbatax il-elf tlett mija u tlieta u hamsin Ewro (€14,353) bhala danni hekk sofferti mill-atturi;**

**5. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu dawn id-danni hekk likwidati lill-atturi;**

**6. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Kristie Xuereb**
**Dep. Reg.**